A.L.115 ta' l-2003

ATT DWAR L-GĦAQDIET KOPERATIVI (KAP. 442)

Regolamenti ta' l-2003 li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperativi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 17 u 108 ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperativi, u għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-soċjetajiet koperativi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi. Jistgħu ukoll jiġu stabbiliti dati differenti għad-dħul fis-seħħ ta' għanijiet differenti u disposizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. Kliem użat f'dawn ir-regolamenti għandu jkollu l-istess tifsir kif għandu fl-Att dwar is-Soċjetajiet Koperativi, ħawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

Setgħa li jiġu imposti penali u sanzjonijiet amministrattivi.

3. Il-Bord għandu s-setgħa li jimponi penali u sanzjonijiet amministrattivi skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Setgħa ta' xandir.

4. Il-Bord ikollu wkoll is-setgħa li jxandar fil-gazzetti ta' kuljum u fuq il-mezzi tax-xandir l-ismijiet ta' dawk l-għaqdiet koperattivi li jkunu saru soġġetti għal penali u sanzjonijiet amministrattivi mill-istess Bord skond ma hemm provdut f'dawn ir-regolamenti u fl-Att:

Iżda l-Bord għandu biss juża' din is-setgħa biex b'avviż pubbliku jxandar dik il-kontravvenzjoni, u dan dment li dik l-istess kontravvenzjoni tkun għadha qed issehh.

Preklużjoni ta' proċeduri doppji.

5. (1) L-għemil ta' proċeduri għall-użu u l-applikazzjoni ta' penali u sanzjonijiet amministrattivi mill-Bord għar-rigward ta' xi kontravvenzjoni kif tidher f'dawn ir-regolamenti jipprekludi milli jsiru proċeduri kriminali fil-konfront ta' l-istess persuna dwar l-istess kontravenzjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma japplikawx f'dawk il-każijiet fejn jittieħdu proċeduri kriminali dwar xi kontravvenzjoni imsemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Il Bord jista' jimponi fuq kull persuna li tikser l-artikli ta' l-Att jew Regolamenti msemmija fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda u mfissra fil-qosor fit-tieni kolonna ta' din l-iskeda, il-penali korrispondenti li jinsabu mnizzla fit-tielet u r-raba' kolonna ta' din l-iskeda

L-Ewwel Kolonna	T-Tieni Kolonna	T-Tielet Kolonna	It-Raba' Kolonna
Taqsima	Azzjoni Skorretta	Penali	Penali Kuljum
13, 39(2)	Nuqqas li jinghata tagħrif mitlub mill-Bord (inkluza lista ta' membri bl-indirizz, kariga u numru tal-karta ta'	Lm 50	Lm 30 kull xahar jew parti minnu
	l-identita tagħhom) fi zmien stipulat		
14(2), 20(1)(b)	Nuqqas tal-Kwittanz jew ta' l-Ezekuzzjoni ta' kull Ordni mahrug mill-Bord skond il-Liġi	Lm 50	Lm 30 kull xahar jew parti minnu
18(1)	L-uzu hazin jew mhux awtorizzat tal-kelma "koperativa", "cooperative", jew kliem derivattivi tagħhom (bhal coop)	Lm 50	
28(3)	Koperativa li tkun registrata provizorjament ma turix dan il-fatt fuq kull korrispondenza	Lm 50	Lm 10 kull jum jew parti minnu
37(2)	Bdil fl-indirizz ta' koperativa ma jsirx registrat mal-Bord	Lm 50	
38(1)	Nuqqas ta' Zamma ta' Registru Aggornat tal-Membri u ta' l-Ishma	Lm 50	
39(1)	Nuqqas ta' l-aċilita ta' Spezzjon ta' l-Istatut ta' Koperativa, lista tal-membri u l-Att lil-membri tagħha minghajr ħlas	Lm 50	
45(3), 66(h)	Koperativa minghajr awditur mahtur	Lm 50	
47, 110(1)(b)	Koperativa jew uffiċjal jew membru tagħha volontarjament, apposta jew bi traskuraġni jagħmlu dikjarazzjoni	Lm200	
	falza jew jagħtu tagħrif falz		
48(1), 48(4)	Rapport Finanzjarju mhux iffirmat mill-Kumitat tal-Maniexxja u/jew Awditur (inkluza l-firma ta' partnership	Lm 50	
	minflok ta' l-awditur bhala individwu)		
48(1)(a)	Rapport Finanzjarju mhux konformi ma' l-Att skond it-Tielet Skeda	Lm 50	
48(1)	Rapport Finanzjarju uditjat mhux mibghut lill-Bord fi zmien stipulat	Lm 50	
48, 64(1), 65(1)	Laqgha Generali mhux imsejha fi zmien sitt xhur minn tghluq is-sena finanzjarja	Lm 50	Lm 30 kull xahar jew parti minnu
53	Koperativa taccetta l-applikazzjoni ghal shubija ta' persuna li ma tkunx tikkwalifika ghal shubija	Lm 50	
53(2)(d)	Koperativa taccetta l-applikazzjoni ghal shubija ta' partnership kummercjali minghajr ma tinforma immedjatament lil-Bord	Lm 50	
57	Membru ta' Koperativa jkollu aktar minn 40 fil-mija (40%) ta' l-ishma tal-Koperativa	Lm 50	
66(b)	Rapport Finanzjarju Verifikat mhux imressaq waqt laqgha generali annwali	Lm 50	
72	Koperativa taccetta persuna fuq il-kumitat ta' Maniexxja tagħha li ma tkunx tikkwalifika ghal din il-ħatra	Lm 50	
101(3)	Stralcjarju jonqos milli jiddepozita fondi u/jew attiv ieħor ta' Koperativa Xolta skond kif ordnat mill-Bord	Lm 50	
101(4)	Stralcjarju jonqos milli jissottometti rapport annwali lil-Bord dwar progress fil-likwidazzjoni ta' koperativa	Lm 50	Lm 30 kull xahar jew parti minnu
110(1)(a)	Koperativa, uffiċjal jew membru jittraskura jew jirfiuta li jaghmel xi haga jew li jagħti xi tagħrif mehtieg ghall-finijet ta' dan l-Att	Lm 50	Lm 30 kull xahar jew parti minnu
110(1)(a)	Koperativa tonqos milli taggorna l-Istatut tagħha skond Kap 442 tal-Liġijet ta' Malta	Lm 50	
110(1)(c)	Persuna volontarjament jew minghajr raguni ma tobdix ordni legittimi bil-miktub mahrug taht dan l-Att	Lm 50	
110(1)(d)	Persuna tagħxxi jew tidher bhala membru ta' kumitat ta' maniexxja jew ta' bord ta' sorveljanza meta ma jkollix jedd taghmel hekk	Lm 50	
110(1)(e)	Koperativa, uffiċjal jew membru volontarjament jaghmel xi haga li tkun tehtieg l-ewwel il-kunsens jew approvazzjoni tal-Bord	Lm 50	
110(1)(f)	Koperativa, uffiċjal jew membru volontarjament jonqos li jaghmel xi haga jew li jgieghel li jsir xi haga mitluba taht dan l-Att	Lm 50	
110(1)(g)	Koperativa, uffiċjal jew membru volontarjament jaghmel jew igieghel li ssir xi haga projbita taht dan l-Att	Lm 50	